# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Ġunju, 2017.**

**Talba Nru: 80/2017PA**

**Michael Attard Limited**

**vs**

**Justbes Limited u Justin Haber**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-6 ta' Frar 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenuti jiġu kundannati jħallsuħa s-somma ta' elfejn u erba' Ewro, ħamsa u tletin ċenteżmu (€2,004.35ċ) rappreżentanti bilanċ ta' import ta' għaxar kambjali skaduti, aċċettati u ffirmati mill-konvenuti, bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenuti, debitament notifikati bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, ma ppreżentawx Risposta, u lanqas dehru biex jikkontestaw il-kawża.

Ra li fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2017, is-soċjeta' attriċi preżentat Kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenuti, li biħ riedet tipprova bil-ġurament tagħhom li huma debituri tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

Ra li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenża tat-30 ta' Mejju 2017 għas-subizzjoni tal-konvenuti.

Ra li, minkejja dan, ma deher ħadd mill-konvenuti, jew għalihom, biex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilhom in subizzjoni, u biex jikkontesta l-kawża.

Qies għalhekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Ikkunsidra illi, għalkemm il-prova bil-mezz tas-subizzjoni għandha mill-ammissjoni tal-konvenut għat-talba kif impustata (ara **Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited et**, Appell, 16.04-2004), it-Tribunal xorta waħda irid jikkunsidra jekk it-talba attriċi tinsabx suffiċjentement pruvata, fuq bilanċ ta' probabilita', wara jqis il-provi kollha prodotti quddiemu.

Ra li minkejja li s-soċjeta' attriċi ingħatat żmien sabiex tippreżenta t-titoli ta' kreditu li fuqhom tibbaża t-talba tagħha, l-ebda prova fir-rigward baqgħet ma tressqet fl-atti proċesswali, u ma deher ħadd għas-soċjeta' attriċi biex jikkonferma li l-kreditu pretiż għadu dovut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad it-talba tas-soċjeta' attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**
**Ġudikatur**